MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Numru. 337/2004

PULIZIJA
SPETTUR MICHAEL MALLIA
VS
ALEXIAN CACHIA
CHRISTIAN FARRUGIA
JOSEF AGIUS
KURT MIZZI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Alexian Cahchia ta’ 24 sena iben Paul u Maryanne nee’ Farrugia mwieled Pieta’ fid-19 t’Awissu 1979, li joqghod fil-fond Blk.H, Flt.1 Ghajn Qatet Housing Estate Rabat u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 388879(M); kif ukoll lil Christian Farrugai ta’ 20 sena iben Paul u Josephine nee’ Muscat imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Gunju 1983, li joqghod fil-fond ‘Jonatian’ Alley 3, Triq il-Kbira Dingli u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 293183(M); kif ukoll lil Josef

Agius ta’ 15-il sena iben Carmel u Rosanna nee’ Vella mwieled Pieta’ fit-28 ta’ Frar 1989, li joqghod fil-fond Nru 9, Blk C, Binja Qlejgha Mtarfa u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 124089(M); kif ukoll lil Kurt Mizzi ta’ 14-il sena iben Victor u Maria Anna nee’ Galea mwieled Pieta’ fit-3 ta’ Mejju 1989, li joqghod fil-fond Nru 2 Blk A, Binja Buqana, Triq it-Torri ta’ l-Arlogg Mtarfa u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 205889(M);

Billi intom ilkoll akkuzati talli:

Fl-10 ta’ Frar 2004 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ai termini ta’ l-artikolu 18 tal-ligijiet ta’ Malta Kap 9;

Fl-10 ta’ Frar 2004, bil-lejl, fi Triq il-Korsa r-Rabat, Malta, kkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom flus kontanti u apparat tal-hifi, li l-valur globali taghhom jeccedi s-somma ta’ mitt Lira Maltin izda inqas minn elf Lira Maltin, minn go vettura ta’ l-ghamla Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni GTR323, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Alan Xuereb u persuni ohra;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt li kontu r-Rabat Malta, bil-hsieb li taghmlu delitt, u cioe’ serq minn go vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghal-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghhom;

Nakkuza wkoll lil Kurt Mizzi u Josef Agius wahidhom talli;
Fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Novembru 2003, bil-lejl, fit-Telgha tas-Saqqajja Rabat Malta, ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni JAO921, li l-valur taghha jeccedi s-somma ta’ mitt lira Maltin izda inqas minn elf lira Maltin, liema serq

huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Charles Guntrip;

U aktar talli fit-13 ta’ Jannar 2004, bil-lejl, fl-inhawi ta’ Binja Buqana l-Imtarfa, kkommettew serq ta’ apparat tal-hifi, li l-valur globali taghhom jeccedi s-somma ta’ mitt lira Maltin, izda inqas minn elf lira Maltin, minn go vettura ta’ l-ghamla Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni IAL769, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Brian Galea;

Akkuzati wkoll talli flimkien talli;
F’dati, hinijiet u cirkostanzi differenti, volontarjament gharrqu jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ diversi vetturi ghad-dannu ta’ persuni differenti, liema ammont tal-hsara, f’kull kaz ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin;

U finalment talli fl-10 ta’ Frar 2004 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dati, hinijiet u cirkostanzi differenti, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Lulju 2004 fejn l-imputati ammettew ghal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Art 18, 261, 263, 264, 267, 270, 271, 41, 325, 334 tal-Kap 9, u Art 7, 9 Kap 446, tqieghed lill-imputati taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jahtar probation officer ghall-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------